**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 86/2018 PM1**

**Transport Malta**

**Vs**

**Luxury Charter Holdings Limited**
**(C66663)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa (5) ta' Marzu, 2018 illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-Awtorita` attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin euro (€125) konsistenti fi drittijiet ta' rmigg pagabbli lill-Awtorita` skont il-fattura annessa mal-istess avviz liema somma s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra

ufficjali 1909/17, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-istess ittra ufficjali kif ukoll b'rizerva ghal kwalsiasi bilanc ulterjuri li talvolta jista' jirrizulta dovut mis-socjeta` intimata.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tal-14 ta' Gunju, 2018, 12 ta' Lulju, 2018 u 11 t'Ottubru, 2018.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluza l-kopja tal-ittra ufficjali surreferita.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` attrici moghtija fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2018 u fis-seduta tal-11 t'Ottubru, 2018 permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimata lill-Awtorita` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata s-socjeta` konvenuta naqset milli tattendi ghas-seduti tal-14 ta' Gunju, 2018, 12 ta' Lulju, 2018 u 11 t'Ottubru, 2018 u lanqas ma prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mill-Awtorita` attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mis-socjeta` intimata lill-Awtorita` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-Awtorita` attrici. Fir-rigward tal-imghaxijiet, fin-nuqqas ta' prova dwar in-notifika tal-ittra ufficjali 1909/17, it-Tribunal isib li dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tat-talba odjerna lis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Awtorita` attrici s-somma mitluba ta’ mija u hamsa u ghoxrin euro (€125) konsistenti fi drittijiet ta’ rmigg pagabbli mis-socjeta` konvenuta lill-istess Awtorita`, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 1909/17 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika lis-socjeta` konvenuta tat-talba odjerna kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**